MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 318/2006

**A**

**-vs-**

**Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw l-interess ta' l-assenti B.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-3 ta' Ottubru, 2006 li permezz tiegħu l-attur espona bir-rispett:

1. Illi l-attur u l-konvenuta żżewġu fit-23 ta' Novembru, 1996, fir-Reġistru Pubbliku fil-Belt Valletta; kif

jindika ċ-ċertifikat anness bħala Dok. "VD1", u minn dan iż-żwieġ ma kellhomx tfal;

2. Illi dan iż-żwieġ ġie skritt fir-reġistri tar-Reġistru Pubbliku bħala Att taż-Żwieġ Numru 2074 tas-sena 1997;

3. Illi l-kunsens tal-partijiet kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li għamlitha impossibbli għall-partijiet li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ u dan ai termini ta' l-artikolu 19 (1d) tal-Kap 255 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Illi l-kunsens tal-konvenuta kien ivvizzjat ukoll minħabba l-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu jew ta' wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, u tad-dritt għall-att taż-żwieġ u dan ai termini ta' l-artikolu 19 (1f) tal-Kap 255 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Illi minħabba r-raġunijiet premessi ż-żwieġ bejn il-kontendenti huwa null u bla effett fil-liġi.

Għaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti:

(1) jiġi nnominat kuratur sabiex jirrappreżenta l-interessi ta' l-assenti konvenuta "*ad litem*";

(2) tiddikjara u tiddeċiedi li ż-żwieġ kuntrattat bejn il-kontendenti fit-23 ta' Novembru, 1996, huwa null u bla effett fil-liġi ai termini ta' l-Artikolu 19 (1d) u 19 (1f) tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta;

(3) tordna li din in-nullita' tiġi reġistrata fuq l-att taż-żwieġ relattiv fuq indikat.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta li minn issa tibqa' nġunta għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat illi permezz ta' digriet datat 28 ta' Novembru, 2006 ġew nominati l-kuraturi biex jirrappresentaw lill-konvenut billi rriżulta li kien assenti minn Malta.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-kuraturi deputati Dr. Anthony Cutajar u l-PL. Veronica Rossignaud, ippreżentata fit-2 ta' Frar, 2007, li permezz tagħha esponew bir-rispett:

1. Illi f'dan l-istadju huma m'humiex edotti mill-fatti tal-kawża, iżda jirriservaw li jippresentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw mal-assenti minnhom rappresentata.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali.

Rat l-affidavit ta' l-attur u ta' omissis.

Rat il-verbal tas-sedta tat-18 ta' Mejju, 2007 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob l-annullament taż-żwieġ kontrattat bejn il-partijiet fl-2002 a bażi ta' l-artiklu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-konvenuti nomine ma setgħux iressqu provi stante li ma rnexxilhomx jikkomunikaw ma' l-assenti.

Kif pero' dejjem irritenew il-Qrati Maltin; "*F'materja ta' żwieġ illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk faċli li parti tirrepeti kliem il-liġi u l-parti l-oħra*

*tammetti u b'hekk jirrendu ż-żwieġ annullabbli bl-iktar mod faċli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita' ta' xi kolliżjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriċċożament wara xi żmien ta' żwieġ jiddeċiedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieġ u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerġgħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament raġunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieġ għandu jiġi annullat pero' dan ma għandux ikun sabiex jiġu akkomodati l-kapriċċi ta' dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta ċara u mingħajr dubbju.*" (Anna Tonna vs Alexander Tonna deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991).

L-artikoli ċitati mill-attur jirrigwardjaw;

19 (1) (d) – il-vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha jew b'anomalija serja psikoloġika li tagħmilha impossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

19 (1) (f) – kunsens vizzjat bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ jew xi element essenzjali tiegħu;

Parti mill-kontenut ta' l-affidavits prodotti jirrakkontaw episodji wara ż-żwieġ u naturalment x'ġara wara ż-żwieġ hu immaterjali għall-kawża ħlief biex jitfa' dawl fuq l-istat ta' fatt ta' qabel iż-żwieġ, iżda fil-fehma tal-Qorti hemm indikazzjonijiet ċari li ż-żwieġ kien vizzjat. Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawża Joseph Zammit vs Bernardette Zammit (27 ta' Jannar, 2006);

"*Irid mill-ewwel jiġi senjalat prinċipju fondamentali fil-liġi ċivili u cioe' li ż-żwieġ bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover*

*assolut ta' kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfaċenti ta' l-allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u cioe' li ż-żwieg huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.*"

Il-kawżali tal-attur hija waħda u cioe' in-nuqqas ta' diskrezzjoni. Kif qalet il-Qorti fil-kawża Nicholas Agius vs Rita Agius (25 ta' Mejju, 1995); "*B'difett serju ta' diskrezzjoni tal-ġudizzju l-leġislatur ma riedx ifisser sempliċement kwalsiasi stat ta' immaturita; li parti jew l-oħra fiż-żwieġ tista' tkun fiha fil-mument li jingħata l-kunsens reċiproku. Li kieku l-leġislatur irrikjeda maturita' sħiħa u perfetta ftit jew addirittura ebda żwieġ ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' discretio judicii hu kunċett ġuridiku intrinsikament marbut mal-kapaċita' ta' parti jew oħra fiż-żwieġ li tagħti l-kunsens liberu u xjenti tagħha għar-rabta taż-żwieġ.*" F'dan is-sens ġew deċiżi wkoll il-kawżi Angela Spiteri vs Joseph Spiteri (4 ta' Novembru, 1994), Robert Attard vs Josephine Attard (18 ta' Ottubru, 1995) u Janet Portelli vs Victor Portelli (14 ta' Awwissu, 1995). Madankollu hemm ukoll indikazzjoni li kif ġia' ingħad, il-partijiet baqgħu għaddejjin tul l-għerusija mingħajr ma ntebhu li ż-żwieġ ma seta' qatt jirnexxi bejniethom.

Fil-kawża fl-ismijiet Mario Mizzi vs Maris Mizzi (15 ta' Novembru, 2005) il-Qorti tal-Appell ukoll qalet li; "*Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju irid ikun hemm l-inkapaċita' psikika jew kostituzzjonali (mhux neċessarjament anomlaija psikoloġika fis-sens mediku) li wieħed jagħraf u jirrifletti jew li jiddeċiedi liberament (jiġifieri mingħajr impulsi interni li jkunu neħħew il-liberta ta' l-għażla tal-persuna li tkun) fuq l-oġġett tal-kunsens matrimonjali.*"

Mid-deposizzjonijiet *in toto* kif gia' ingħad jirriżulta li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat kif indikat f'dawn is-sentenzi.

Dan għaliex irriżulta li l-konvenuta, li ġia’ kienet divorzjata qabel, kellha problema ta’ alkahol u logħob. Iżżewġu wara li kienu jafu lil xulxin ftit xhur u damu miżżewġin ċirka tliet snin qabel ma nfirdu. Kien hemm ukoll differenza sostanzjali fl-eta’ li għalkemm ċertament m’hijiex per se raġuni biex jingħata annullament tikkonferma dak li qal l-attur li huwa kien pjuttost infatwat bil-konvenuta u li allura ma kienx hemm bażi għal żwieġ hieni. L-attur kellu biss dsatax-il sena meta żżewweġ u għalkemm anke hawn l-eta’ per se ma tfissirx nullita’ tikkonferma wkoll li l-attur kien nieqes mill-maturita’ neċessarja.

**Għal dawn il-mottivi kollha l-Qorti tilqa’ t-talba ta’ l-attur u tiddikjara null iż-żwieġ kontrattat bejn il-partijiet fl-10 ta’ Novembru, 1996. L-ispejjeż ikunu a kariku ta’ l-attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------